**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 72**

It-Tnejn, 9 ta' Jannar 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech kienu skużati.

L-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Alex Muscat kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 71 li saret fid-19 ta' Diċembru 2022 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li wara li għamel il-verifiki neċessarji, is Sedja kienet qiegħda tordna illi għandha ssir il-korrezzjoni tal-Minuti tas-Seduti 43, 44, 45, 46 u 47 tas-7, it-8 u d-9 ta' Novembru 2022 sabiex l-Onor. Katya De Giovanni tidher bħala skużata fl imsemmija Minuti, u li l-Onor. Carmelo Abela għandu jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduti 61, 62, 63 u 64 tat-28, id-29 u t-30 ta' Novembru 2022.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

- **Att XIX tal-2022** – Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali;
- **Att XX tal-2022 –** Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali:
- **Att XXI tal-2022** – Att tal-2022 li jemena l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;
- **Att XXII tal-2022** – Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba';
- **Att XXIII tal-2022** – Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ;
- **Att XXIV tal-2022** – Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza;
- **Att XXV tal-2022** – Att tal-2022 dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza;
- **Att XXVI tal-2022** – Att tal-2022 dwar l-Approprjazzjoni (2023); u

– **Att XXVII tal-2022** – Att tal-2022 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2022).

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1094 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13 li saret lis-Sedja mill-Onor. Stanley Zammit dwar mistoqsijiet parlamentari mhux imwieġba;

P.L. 1095 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14 li saret lis-Sedja mill-Onor. Stanley Zammit dwar komunikazzjoni b'mod elettroniku fil-Kamra tad-Deputati;

P.L. 1096 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15 li saret lis-Sedja mill-Onor. Jerome Caruana Cilia dwar mistoqsijiet parlamentari mhux imwieġba;

P.L. 1097 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Giovanna sive Jane Agius et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 290/20 LM), deċiża fit-23 ta' Frar 2022 u dik tal-Appell datata 14 ta' Diċembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 1098 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Igino Trapani Galea Feriol et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 44/2011 TA), deċiża fl-10 ta' Novembru 2022 u ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 5 ta' Diċembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 1099 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Victor Cilia et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 200/2021 TA), deċiża fl-10 ta' Novembru 2022 u ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 5 ta' Diċembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 1100 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Josephine Tabone et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 192/2020 TA), deċiża fl-10 ta' Novembru 2022 u ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 5 ta' Diċembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 1101 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Carmen Borg et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 480/2021 TA), deċiża fl-1 ta' Diċembru 2022 u ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 22 ta' Diċembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 1102 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Tonio Depasquale et vs Walter Portelli et (Rikors Numru 256/2021 TA), deċiża fl-1 ta' Diċembru 2022 u ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 22 ta' Diċembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3944 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TALBA GĦAL RULING**

L-Onor. Ivan Castillo ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għat-tweġiba mogħtija mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia, għall-mistoqsija parlamentari 4921 dwar l-ispiża relatata mar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, liema informazzjoni kienet intalbet ukoll fil-mistoqsijiet parlamentari 2054, 3730, 4034, 4251, 4608, 4831 u 4884.

Is-Sedja ħadet nota tat-talba tal-Onor. Ivan Castillo.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1103 Avviż Legali Nru 3 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar Rekwiżiti Speċjali tal-Ivvjaġġar; u

P.L. 1104 Screenshot tal-web page tas-CPSU li turi informazzjoni dwar liema mediċini kienu out of stock fid-9 ta' Jannar 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5029;

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1105 Avviż Legali Nru 355 tal-2022 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa d-19 ta' Diċembru 2022 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar l-Ilsien Malti (Att Nru LV tal-2021) għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 1106 Avviż Legali Nru 358 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani; u

P.L. 1107 Pjanti tal-proġett tal-playing field fi Triq it-Turisti kantuniera ma' Triq Cassarino ġewwa l-Qawra, San Pawl il-Baħar, li huma approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar u mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar datati 15 ta' Novembru 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4925;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1108 Avviż Legali Nru 367 tal-2022 – Ordni tal-2022 li jwaqqaf Project Green bħala Aġenzija;

P.L. 1109 Rapport Annwali għas-sena 2021 tal-Kumitat tas-Sigurtà skont l-Artiklu 14(4) tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà, Kap. 391;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1110 Avviż Legali Nru 1 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni;

P.L. 1111 Avviż Legali Nru 2 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li jfittxu Asil;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1112 Avviż Legali Nru 357 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar l-Iskema Malta Kreattiva;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1113 Avviż Legali Nru 361 tal-2022 – Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

P.L. 1114 Long Term Agreement dwar l-użu tal-parkeġġ tal-Iskola Primarja tal-Qawra ffirmat bejn Maria Regina College għall-Qawra Primary School u l-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar, datat 12 ta' Diċembru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4871.

P.L. 1115 Tabella li turi n-numru ta' studenti fil-kors BA (Hons) in Social Work fis-snin akkademiċi bejn l-1996/97 u l-2022/23 maqsuma bejn studenti femminili u dawk maskili, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4915.

P.L. 1116 Tabella li turi n-numru ta' studenti fil-kors Master in Social Work fis-snin akkademiċi bejn l-2018/19 u l-2022/23 maqsuma bejn studenti femminili u dawk maskili, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4916; u

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1117 Avviż Legali Nru 370 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar il-Warrant ta' Periti;

P.L. 1118 Avviż Legali Nru 371 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 tal-Bord tal-Warrant tal-Periti;

P.L. 1119 Avviż Legali Nru 372 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Perit;

P.L. 1120 Avviż Legali Nru 373 tal-2022 – Avviż ta' bidu fis-seħħ tad-diversi artikoli tal-Att dwar il-Periti (Att XIII tal-2021) (Kap. 622); u

P.L. 1121 Avviż Legali Nru 374 tal-2022 – Avviż ta' Bidu ta' Applikabbilità għal xogħlijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-2022 dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni (A.L. 340 tal-2022) (L.S. 623.08).

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1122 Avviż Legali Nru 363 tal-2022 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa l-1 ta' Jannar 2023 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-2022 dwar l-Akkwakultura tat-Tonn (A.L. 218 tal-2022) (L.S. 425.16) għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 1123 Avviż Legali Nru 364 tal-2022 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa l-1 ta' Jannar 2023 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-2022 dwar Reati, Proċedimenti u Sanzjonijiet (Sajd u Akkwakultura) (A.L. 342 tal-2022) (L.S. 425.17) għandhom jidħlu fis-seħħ; u

P.L. 1124 Avviż Legali Nru 365 tal-2022 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa l-1 ta' Jannar 2023 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Att Nru XVII tal-2022) għandhom jidħlu fis-seħħ.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1125 Avviż Legali Nru 362 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Multi għal Kull Ġurnata rigward l-Ambjent;

P.L. 1126 Avviż Legali Nru 368 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (Emenda Nru 2);

P.L. 1127 Avviż Legali Nru 369 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart;

P.L. 1128 Avviż Legali Nru 375 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sussidju fuq il-Kera;

P.L. 1129 Avviż Legali Nru 376 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aċċess Finanzjarju ta' Self b'Imgħax Baxx; u

P.L. 1130 Avviż Legali Nru 377 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar l-Assistenza sabiex Jitnaqqas l-Impatt Ambjentali tal-Attivitajiet tal-Kostruzzjoni.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1131 Avviż Legali Nru 356 tal-2022 – Regoli tal-2022 dwar Skema ta' Investiment Seed;

P.L. 1132 Avviż Legali Nru 360 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku;

P.L. 1133 Avviż Legali Nru 366 tal-2022 – Ordni tal-2022 li jestendi l-Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti); u

P.L. 1134 Strategic Plan and Projected Income and Expenditure Statement għas-sena 2023 maħruġ mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1135 Avviż Legali Nru 359 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti oħra).

## KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici kienet se tissostitwixxi lill-Onor. Toni Bezzina.

## KONDOLJANZI

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela u l-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar taw il-kondoljanzi tagħhom lill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, wara l-mewt ta' ommu dakinhar filgħodu.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Gvern, il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar, f'isem il-Kap tal-Oppożizzjoni, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Oppożizzjoni, il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli, l-Onor. Ivan Bartolo, il-Ministru għall-Ġustizzja l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Charles Azzopardi fakkru l-memorja tal-Eks Membru Parlamentari s-Sur Silvio Parnis, li ġrat fit-3 ta' Jannar 2023 u esprimew il-kondoljanzi tagħhom lill-familjari.

Bil-permess tal-Kamra, membri tal-media ngħataw permess sabiex jiġbdu ritratti f'din il-parti tas-seduta.

L-Ispeaker ingħaqad maż-żewġ naħat tal-Kamra fis-sentimenti espressi u talab lill-Iskrivan tal-Kamra biex iwassal il-kondoljanzi lill-familja tas-Sur Parnis.

P.L. 1136 Ktejjeb maħruġ mill-Uffiċċju tal-Ispeaker b'tifkira tal-Eks Deputat Silvio Parnis.

## MOZZJONIJIET

### 99. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara l ewwel darba.

### 100. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara l-ewwel darba.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR STANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – ABBOZZ NRU 34**

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi imsejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570".

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Robert Abela għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Karol Aquilina għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1137 Estratt mill-Programm Elettorali 2017 tal-Partit Nazzjonalista "Jien nagħżel Malta".

Bil-permess tal-Kamra il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ġie estiż bi ftit minuti sabiex l-Onor. Karol Aquilina ikun jista' jikkonkludi d-diskors tiegħu, liema ħin kellu jitnaqqas mill-ħin tal-aġġornament li dakinhar kien allokat għall-Oppożizzjoni.

Fis-7.04 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

## AĠĠORNAMENT

Fis-7.05 p.m. il-Ministru għall-Ġustizzja ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 10 ta' Jannar 2023 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet | |

| | |
|---|---|
| ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Stanley Zammit u mill-Onor. Stephen Spiteri.

Fis-7.26 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 10 ta’ Jannar 2023 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ġustizzja.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**